10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 41**

**2 ta' Ġunju 2026**

Il-laqgħa numru 41 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar it-Tlieta 2 ta' Ġunju 2026 fil-17.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Stephen Sultana

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Joe Vella

Is-Sur Karl Carabott

Is-Sa Roberta Sultana

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

Is-Sur Darren Grech

**ASSENTI:**

**Ħadd**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

## 1 Qari tal-ittri t'apoloġija

F'din il-laqgħa kien hemm ittra ta' apoloġija ta' Sur Darren Grech u ~~Sur Stephen Sultana.~~

## 2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

Laqgħa 40

Joe Vella irrimarka li f'punt numru 3 hu kien fehem li l-flus kellhom imorru għan-nies li qasmu mhux għal-KFE. Is-Sindku wieġeb li l-kunsill ma setgħax iħallas dirett lil-ħaddiema u għalhekk dawn tħallsu bħala servizz mill-KFE.

**Trejqa ta' Fleur De Lys:** Stephen Sultana saqsa x'ser isir minħabba l-petition li rċieva l-kunsill. Is-Sindku wieġeb li din kienet fuq il-parking u li din issa ġiet solvuta. Joe Vella qal ukoll li inbidlu t-tabelli sabiex issa jindikaw '*on School days only'*. Is-Sindku wieġeb li dawn inbidlu minn Infrastructure Malta. Karl Carabott qal li hu kien diġà iddiskuta mas-sindku rigward dan, peress li kien hemm 4 toroq bl-istess direzzjoni u waħda biss direzzjoni kontra. Is-Sindku qal li bħalissa hemm triq li fiha għaddej xi xogħol, kif din tiġi lura għan-normal ser ikun hemm 3 b'direzzjoni u 2 b'direzzjoni oħra.

Karl Carabott qal ukoll li hu kien inkwetat li issa t-tfal qed jinżlu mill-vannijiet u jridu jaqsmu għan-naħa l-oħra u mhux jinżlu fuq il-bankina tal-iskola għalhekk hu kien qed jissuġġerixxi li l-vannijiet jieqfu ġewwa l-iskola billi jsir tibdil infrastrutturali żgħir. Is-Sindku qal li din ma setgħatx issir imma stieden lil Karl sabiex jgħamel sketch u talba sabiex din il-proposta tiġi mresqa lil partijiet ikkonċernati.

Hawnhekk ġiet sospiża l-laqgħa peress li persuna talbet il-kunsill sabiex titkellem fuq Triq il-mastrudaxxi u l-kunsill aċċetta din it-talba.

## 3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti 447 u Petty Cash

Is-Sindku staqsa hekk kienx hemm kummenti fuq l-iskedi tal-pagament 447. Ħadd ma tkellem fuq dan. Għalhekk is-Sindku talab li jittieħed vot.

Voti Favur: 1

Voti Kontra: 0

Astensjonijiet: 2

Karl Carabott ikkummenta li hu mhux kontra li jsiru l-pagamenti imma jibqa bl-istess punt li kien iċċara qabel f'laqgħat oħra.

## 4. Kommunikazzjoni mis-Sindku

**Art for Children on the Ausitms Spectrum** - Is-sindku informa li l-kunsill kiseb skema fuq il-kultura mingħand id-DLG. Is-sindku informa ukoll li l-kunsill kellu talba mingħand żewġt artisti għal *Art for Children on the Autism spectrum.* Is-Segretarja spjegat li bħala post kienet għamlet talba għar-Razzett fil-ġnien.

**First aid courses għal-annimali** - Is-Sindku informa ukoll li kien hemm skema għal first aid courses tal-annimali. Il-kunsill qabel ma dan.

**SPI/SCI//02/2021** - Is-Sindku informa ukoll li kien hemm skema li kienet ila mit-2021/2 u li għaliha kien hemm fondi allokati. Hu qal li ghalhekk kien qed jissuġġerixxi li wara li inbidel it-tapit, u twaħħlu CCTV, issa jinbidlu l-bandli, u r-rockers, kif ukoll jinżebagħ il-kanċell. Fuq dan kien hemm qbil. Playground Guze Flores.

**Appell Planning PA/03575/25 –** Is-Sindku informa li l-kunsill irċieva notifika mill- PA li kien hemm smiegħ ta' appel nhar il-11 ta' Ġunju 2026 fuq 337 & 338 Triq il-Kbira Santa Venera. Il-kunsill qabel li kien ser iħalli f'idejn il-perit.

**Day Centre** – Is-Sindku informa li tender għad-day centre tal-anzjani kien ilu skadut mit-2022 u għalhekk kien wasal iż-żmien li dan jerġgħa jiġi mġedded. Hu qal li SE infurmatu li kien hemm bażi soda sabiex il-kunsill iġib l-approvazzjonijiet neċessarji għal Direct Order u għalhekk is-SE kienet iltaqgħet mas-sidein li dawn urew ix-xewqa li jkomplu jikru dan il-post bħala Day Centre bil-prezz ta' 13,000 fis-sena li jiżdied b'10% kull sena. Il-Kunsill qabel ma dan però xtaq li jieħu l-evalwzzjoni tal-parir.

**Talba Wirt Vendriż** – Is-Sindku qara email li l-kunsill irċieva mingħand Wirt Vendriż fejn dawn xtaqu jagħmlu xi murals fil-lokalita. Il-kunsill qabel mal-kunċett tal-murals però ma kienx qed jaqbel mas-suġerimenti ta' kif kienu ser isiru. Il-kunsill saqsa għal *costings* tal-iskema li kien ser jiffinanzja dawn il-murals sabiex ma jkunx hemm double Funding.

**Festa – reception għal għaqdiet** – Is-Sindku informa li din ser issir nhar il-13 ta' Lulju 2026.

**Festa – għeluq ta' toroq** – Is-Sindku informa li l-għeluq ta' toroq ser ikun kif ġej:

**Salib** – is-Sindku qal li beda xogħol fuq il-pedestall tas-salib mill-public works.

**Triq Antonio Miruzzi** – is-Sindku qal li l-kunsill irċieva talba sabiex tinfetaħ Triq minn Triq il-Ħaddied u Triq Antonio Miruzzi.

**Bollards -** Is-Sindku informa li kien qed jissuġġerixxi li jsiru kaxxi għal bollards tat-triq. Il-Kunsill qabel ma dan sakemm ma jkunu ta' ostaklu għat-traffiku jew bankini.

Hawnhekk Karl Carabott qal li hu xtaq li jgħaddi statement fuq il-mozzjoni li kienet imsemmija fuq l-agenda. Hu qal li għal xi raġuni din il-mozzjoni ma ġietx preżentata anke hekk hu talaba darbtejn f'din l-aħħar ġimgħa. Hu kien infurmat li segretarja ma kelliex koppja ta' din il-mozzjoni u għalhekk xtaq ikun jaf x'inhi r-raġuni għalfejn ma kienetx intbgħatet fil-ħin stipulat. Is-Sindku wieġeb li din hi mozzjoni mibnija fuq punt stipulat fil-laqgħat ta' qabel minn Karl stess. Karl qal li din ma kienetx issue fuq il-mozzjoni għax hu għadu ma jafx x'kienet il-mozzjoni. Imma hu xtaq li l-mozzjoni tasal fil-ħin stipulat sabiex il-kunsilliera jonoraw id-dmir tagħhom li jaqraw u jifmhu l-mozzjoni. Hu kompla li hu dmir tas-sindku li l-mozzjoni tintbagħat fil-ħin stipulat.

Hawnhekk Karl Carabott talab li l-mozzjoni titneħħa mill-aġenda u din titniżżel fl aġenda tal-laqgħa li jmiss. Il-kunsill qabel li din il-mozzjoni tiċċaqlaq għal aġenda li jmiss.

**5 Triq Adelaide Cini, Romeo Romano u l-akwati – bdil fid-direzzjoni tat-traffiku**

Is-Sindku qal li segretarju tkellmet mal-perit u dan bagħat email sabiex jgħid li hu ma jissuġġerixxi bdil fid-direzzjoni tat-traffiku minħabba l-infrastruttura tat-toroq.

**6 Talba un/loading Triq il-Ħarrub**

Is-Sindku qal li wara deċiżjoni fil-laqgħa li għaddiet is-segretarja infurmat il-kumpanija li kienet għamlet it-talba. Dawn ġew lura u qalu li ma setgħux jużaw il-parapett tagħhom stess hekk kif kien issuġġeriet mill-kunsill minħabba li taħt il-parapett kien hemm cold room u setgħa jkun hemm xi damages. Għalhekk il-kunsill iddeċieda li l-un/loading bay kellha tiġi fi Triq Salvu Gullaimier.

7 **Audit Report**

Is-Segretarja spjegat li kienet għada ma rċievitx ir-rapporti mingħand l-awdituri u għalhekk din l-item kienet ser tinqabeż.

8. **Mozzjoni – Devoluzzjoni**

Hekk kif il-kunsill kien diġà iddiskuta qabel, din l-item ser tiġi mresqa fil-agenda li jmiss.

9. **Permits – no parking signs**

Is-Sindku qal li bħalissa kull min jagħmel permess għal heavy machinery kien qed jingħata no parking spaces mis-7am. Dan kien qed joħloq inkonvenjent għar-residenti u għalhekk hu kien qed jipproponi li no parking signs isiru siegħa qabel. Il-kunsill ma qabilx ma din il-proposta għax qal li siegħa qabel kien ftit wisq sabiex jitressqu l-karozzi u għaldaqstant kien hemm qbil li no parking signs joħorġu sagħtejn qabel ma kien ser jasal il-makkinarju.

10. **Tneħħija ta' un/loading bay minn Triq Qormi.**

Is-Sindku informa li l-un/loading bay fi Triq Qormi ma kienetx qed tintuża u għalhekk kienet ser tinqaleb f'parkeġġi normali. Fuq dan kien hemm qbil ġaladarba din ma kienetx qed tintuża.

11. **Talba Mis-Soċjeta Filarmonika Santa Venera**

Is-Sindku qal li l-kunsill kien irċieva talba mis-Soċjeta Filarmonika sabiex il-kunsill jgħin fl-ispejjeż ta' Lejla Vendriża. Għalhekk is-sindku kien qed jipproponi skema għal għaqdiet tal-festa i.e. l-għaqda tal-banda, l-għaqda tan-nar kif ukoll l-għaqda tal-armar, ta Euro 1000 għal kull għaqda inkluż il-vat.

12. **Talba mill-Għaqda tan-Nar**

Is-Sindku informa li l-għaqda tan-nar talbet no objection lil-kunsill lokali għal ħruq tan-nar għal festa ta' Santa Venera. Is-sindku qara din it-talba. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din it-talba sakemm jitħalla aċċess għal Triq it-Turetta u Karl Carabott qal li għandu jkun hemm ilqugħ għas-siġar ħalli ma jkunx hemm damages bħas-snien li għaddew.

**13. Ftuħ u għeluq ta' spazji pubbliċi**

Is-Sindku informa li wara l-email li intbagħtet wara li twaqqaf il-persuna inkarigata mill-ftuħ u għeluq tal-ġnien, il-ġnien u l-bandli kienu qed jibqgħu miftuħin u ma kienx qed ikun hemm rapporti ħżiena fuq dan. Il-kunsill madanakollu qabel li s-sejħa kellha terġa tiġi ippublikata.

Il-laqgħa ġiet fi tmiema għal ħabta tat-20.00 ta' filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss kienet ser issir fi 2 ta' Lulju 2026 fil-17.00.

Gianluca Falzon

Sindku

Tiffany Abela

Segretarju Eżekuttiv